MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2004

Appell Civili Numru. 1019/1993/1

**Saviour Farrugia, ufficjal inkarigat mis-sezzjoni arretrati,**
**ghan-nom u in rappresentanza tal-Korporazzjoni Telemalta;**
**u b'dikriet tas-7 ta' Mejju 1998 il-kawza tkompliet f'isem**
**is-socjetà Maltacom p.l.c.**

**v.**

**Michael Angelo Fenech**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta’ citazzjoni, kif korrett,ipprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-attur nomine, wara illi ppremetta illi skond ir-regolamenti vigenti u l-ftehim ta’ kera u servizz ta’ telefon bejn il-partijiet anness Dok. A, il-konvenut ghandu jaghti lill-attur nomine s-somma ta’ Lm310.39 (tlett mija u ghaxar liri u disa u tletin centezmi) dovuti in konnessjoni mas-servizz tat-telefon numru 681879 (sitta tmienja wiehed tmienja seba disa), liema telefon kien gie istallat fl-indirizz 13, Cachia Zammit Street, Birzebbuga; illi dan l-ammont jikkonsisti fil-kera ghas-servizz u telefonati lokali maghmula, kif ukoll fi spejjez ohra indikati fil-prospett dettaljat Dokument B; illi minkejja interpellat ihallas il-kont dovut, il-konvenut baqa inadempjenti; talab illi dik il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine s-somma ta’ Lm310.39 dovuti bhala kera, servizz u spejjez ohra in konessjoni mat-telefon numru 681879 skond il-prospett esibit Dokument B, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi; bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Qbid numru 18/93AS u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attur nomine u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relattivi;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ta’ Michael Angelo Fenech illi permezz taghha eccepixxa:

Illi huwa gie notifikat bic-citazzjoni fl-ismijiet premessi, meta huwa ma jismux Michael Fenech u in effetti fl-istess ufficcju, kien jahdem ukoll certu Michael Fenech u kwindi huwa m’huwiex il-legittimu kontradittur f’din il-kawza u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-inkompetenza ta’ din il-Qorti *rationæ materiæ* tenut kont li l-eccipjent huwa kummercjant u l-Qorti kompetenti hija l-Qorti tal-Kummerc;

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-preskrizzjoni ai fini ta’ l-Artikoli 2148(f) u 2156(f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi fil-mertu l-eccipjent m’ghandux ihallas l-ammont riklamat peress li l-post kien imwaqqa’ u t-*telephone* kien *fuori* uzo;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut, guramentata minn Michael A. Fenech, u l-lista tax-xhieda relattiva;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-hdax (11) ta’ Mejju, 2001 illi permezz taghha l-Qorti ddecidiet hekk:
“… taqta’ l-kawza billi, wara li tichad l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni u tichad ukoll l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut, tilqa’ t-talbiet ta’ l-attrici u tikkundanna lill-konvenut Michael Angelo Fenech ihallas lill-attrici s-somma ta’ tliet mija u ghaxar liri u disgha u tletin centezmu (Lm310.39), flimkien ma’ l-imghaxijiet u l-ispejjez gudizzjarji mitluba mill-attrici”

u dana wara illi kkunsidrat hekk:
“Qabel ma nidhlu fil-meritu ta’ din il-kawza, irridu qabel xejn naqtghu l-kwistjoni dwar l-identità tal-konvenut. Fil-fatt, ghalkemm l-eccipjent ressaq eccezzjonijiet ukoll fil-meritu, qieghed ighid illi dak Michael Fenech li gie mharrek ma kienx hu izda haddiehor li jismu Michael Fenech, ghax l-eccipjent ma jismux Michael izda Michael Angelo Fenech. Fi kliem iehor, l-eccipjent qieghed ighid illli ma hux il-konvenut, u l-eccezzjonijiet fil-meritu ressaqhom mhux ghax il-meritu tassew jinteressa lilu, izda biss b’sens ta’ generozità u biex ighin lill-proxxmu.

“Fil-fatt ic-citazzjoni kienet harget kontra Michael Fenech, u kien biss wara li l-qorti, b’dikriet moghti fid-9 ta’ Novembru 2000, ordnat korrezzjoni fl-*occhio* li ddahhal l-isem ‘Michael Angelo’ flok ‘Angelo’[1]. L-eccipjent, izda, xorta baqa’ jghid illi l-konvenut ma hux hu.

“Il-kwistjoni ghalhekk hija din: il-persuna mharrka hija l-eccipjent Michael Angelo Fenech jew xi haddiehor? Biex inwiegbu din il-mistoqsija rridu naraw jekk il-persuna li ghamlet il-kuntratt dwar is-servizz tal-linja tat-telefon imsemmija fic-citazzjoni - u li, ghalhekk, ghandha thallas il-kontijiet relattivi u kellha tkun imharrka f’din il-kawza - hijiex l-eccipjent jew xi haddiehor; it-twegiba hija facli: fis-seduta tal-5 ta’ Dicembru 1995 il-qorti wriet lill-konvenut il-kopja tal-kuntratt ghat-tqeghid tal-linja tat-telefon u staqsietu, ghall-ghanijiet ta’ l-art. 634(1) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, jekk il-firma li tidher fuq id-dokument hijix tieghu: l-eccipjent wiegeb li l-firma tassew hija tieghu. Barra minn hekk, fil-process hemm ittra ta’ l-14 ta’ Lulju 1986, iffirmata mill-eccipjent u esebita minnu, li tghid illi l-linja tat-telefon meritu tal-kawza tallum hija l-‘*personal telephone number*’ ta’ l-eccipjent.
“Il-konkluzjoni ghalhekk hija li l-kawza saret sew kontra l-eccipjent; illi l-konvenut huwa tassew l-eccipjent, u mhux xi persuna ohra; u illi l-ewwel eccezzjoni ma hix hlief xiehda ta’ *mala fides* min-naha tal-konvenut, li haseb li jista’ jahrab mill-obbligazzjonijiet tieghu b’loghob bil-kliem.

“L-eccezzjoni hija ghalhekk michuda.

“Nghaddu issa biex inqisu l-eccezzjonijiet ta’ preskrizzjoni, taht l-art. 2148(f) u 2156(f) tal-Kodici Civili.

“L-art. 2148(f) jolqot, bi preskrizzjoni ta’ tmintax-il xahar, l-‘azzjonijiet ta’ kull persuna, ghall-kera ta’ hwejjeg mobbli’.

“L-attrici qieghda titlob il-hlas ghall-kera tal-linja, ghal telefonati, u ghal ‘*directory entry*’, kif jidher mill-prospett imhejji minnha.

---

[1] Proprjament il-korrezzjoni kienet li bejn “Michael” u “Fenech” jidhol l-isem “Angelo” - ara l-verbal tad-9 ta’ Novembru, 2000, fol. 85.

“Il-kwistjoni hija jekk il-kera tal-linja titqiesx ‘kera ta’ hwejjeg mobbli’, biex taqa’ taht l-art. 2148(f) tal-Kodici Civili.

“Il-Kodici Civili jifhem li l-kuntratt ta’ kiri huwa dak imsemmi fit-Titolu IX tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodici. L-art. 1526(2), fit-Titolu *Fuq il-Kiri tal-haga*, ighid illi l-hwejjeb mobbli li jistghu jinghataw b’kiri huma l-hwejjeg korporali. Il-kiri ta’ linja tat-telefon ma hux kiri ta’ haga korporali, u ghalhekk ma hux il-kuntratt ta’ kiri ta’ hwejjeg mobbli msemmi fl-art. 2148(f) tal-Kodici Civili.

“L-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni taht l-art. 2148(f) hija ghalhekk michuda.

“L-art. 2156(f) hija l-preskrizzjoni residwali ta’ hames snin li tolqot ‘l-azzjonijiet ghall-hlas ta’ kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa’, skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku’; hija din il-preskrizzjoni li tolqot l-azzjoni ta’ l-attrici.

“Ic-citazzjoni kienet prezentata fis-27 t’Awissu 1993, u ghalhekk waqghu bi preskrizzjoni dawk il-krediti ta’ l-attrici li twieldu qabel is-27 t’Awissu 1988. Il-prospett imhejji mil-attrici juri li l-krediti li qed jintalab il-hlas taghhom inholqu wara dik id-data, u ghalhekk lanqas l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni taht l-art 2156(f) ma tista’ tintlaqa’, u hija michuda.

“L-ahhar eccezzjoni tghid illi l-apparat tat-telefon ma kienx jintuza ghax il-fond fejn kien hemm l-apparat kien imwaqqa’.

“Bhala xhieda ta’ dan il-konvenut esebixxa *affidavit* ta’ l-A.I.C. Anthony Fenech Vella. Dan l-*affidavit* ighid li t-twaqqigh tal-fond inbeda fis-sena 1985 u ntemm fl-1987; mela kienet tassew haga stramba li fl-4 ta’ Lulju 1986, meta l-fond kien ga beda jitwaqqa’ u l-konvenut kien jaf li kien sejjer ikompli jitwaqqa’, il-konvenut xorta ghamel talba ghat-tqeghid tal-linja f’dak il-fond. Il-qorti ghalhekk

ma temminx li l-apparat tat-telefon kien tassew qieghed f'post fejn il-konvenut ma setax jinqeda bih, u li t-telefon ma kienx isir uzu minnu.

"Ghal din ir-raguni ir-raba' eccezzjoni hija wkoll michuda."

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab hekk:
"… li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddeciedi dan l-appell billi filwaqt li tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenut tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi;

Rat illi s-socjetà attrici appellata ma jirrizultax illi pprezentat risposta;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji tal-konvenut kontra s-sentenza appellata, fi kliem ir-rikors ta' appell, huma s-segwenti:
1. "Illi l-ewwel Onorabbli Qorti, bir-rispett kollu zbaljat meta kkoregiet l-atti tal-kawza fis-sens li flok l-isem ta' Michael Fenech (il-konvenut originali) bl-isem ta' Michael Angelo Fenech (l-appellant) [*sic*]";

2. "Illi … a bazi tal-korrezzjoni maghmula mill-ewwel Onorabbli Qorti l-istess Onorabbli Qorti kellha tilqa l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kemm a bazi tal-artikolu 2148(f) kif ukoll a bazi tal-artikolu 2156(f) tal-kodici Civili stante li jirrizulta fi kwalunkwe kaz li fil-konfront ta' Michael Angelo Fenech ma gie pprezentat l-ebda att gudizzjarju qabel id-9 ta' Novembru, 2000 …";

3. "… li l-ewwel Onorabbli Qorti interpretat il-ligi hazin meta kkunsidrat u ddecidiet li il-preskrizzjoni ta' tmintax il-xahar ma tapplikax ghall-kiri tal-linja tat-telefon billi dan ma jinvolvix kirja ta' oggett korporali";

4. “L-ahhar aggravju jirrigwarda l-fatt li l-bini kien twaqqa, kif jirrizulta, u l-linja ma kienitx utilizzabbli”;

Ikkunsidrat:

Illi huwa utili illi t-tieni (2) aggravju jigi konsidrat qabel l-ewwel (1) wiehed;

Illi hija tifhem illi dak illi qed isostni l-appellant permezz tat-tieni (2) aggravju tieghu huwa illi, ghall-fini ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni minnu sollevata ghandu jigi konsidrat illi l-att ta' citazzjoni odjern gie intavolat fid-disgha (9) ta' Novembru, 2000, id-data illi fiha l-ewwel Qorti testwalment “… ordnat korrezzjoni fl-okkkju tal-kawza billi l-isem tal-konvenut jigi ndikat bhala Michael Angelo Fenech” (fol. 85-86). Infatti, l-appellant fir-rikors ta' appell tieghu, in sostenn ta' l-aggravju in ezami issottometta hekk:
“Ic-citazzjoni gietipprezentata kontra Michael Fenech. Fil-konfront tal-appellant, persuna ohra fil-ligi u fil-fatt, ic-citazzjoni giet biss ipprezentata meta saret il-korrezzjoni premessa”;

Dina l-Qorti ma taqbilx ma' dina s-sottomissjoni ta' l-appellant ghaliex, fil-fehma taghha, dak illi qalet l-ewwel Qorti fis-segwenti silta mis-sentenza appellata huwa fattwalment u guridikament korrett:
“Il-kwistjoni ghalhekk hija din: il-persuna mharrka hija l-eccipjent Michael Angelo Fenech jew xi haddiehor? Biex inwiegbu din il-mistoqsija rridu naraw jekk il-persuna li ghamlet il-kuntratt dwar is-servizz tat-telefon imsemmija fic-citazzjoni - u li, ghalhekk, ghandha thallas il-kontijiet relattivi u kellha tkun imharrka f'din il-kawza - hijiex l-eccipjent jew xi haddiehor; it-twegiba hija facli: fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 1995 il-qorti wriet lill-konvenut il-kopja tal-kuntratt ghat-tqeghid tal-linja tat-telefon u staqsietu, ghall-ghanijiet ta' l-art. 634(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, jekk il-firma li tidher fuq id-dokument hijix tieghu: l-eccipjent wiegeb li l-firma tassew hija tieghu. Barra minn hekk, fil-process hemm ittra ta' l-14 ta' Lulju, 1986, iffirmata mill-eccipjent u esibita minnu, li tghid illi l-linja tat-telefon meritu tal-kawza tallum hija l-‘*personal telephone number*’ ta' l-eccipjent.

"Il-konkluzjoni ghalhekk hija li l-kawza saret sew kontra l-eccipjent, u mhux xi persuna ohra; u illi l-ewwel eccezzjoni ma hix hlief xiehda ta' *mala fides* min-naha tal-konvenut, li haseb li jista' jahrab mill-obbligazzjonijiet tieghu b'loghob bil-kliem" (sottoliear ta' dina l-Qorti);

F'dak illi qalet l-ewwel Qorti, hawn appena citat, hija kienet konfortata minn dik illi irriteniet dina l-Qorti diversament komposta fis-sentenza taghha tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru, 1991 fil-kawza fl-ismijiet *Maria Carmela Vella et vs Antonio Galea noe*:
"… huwa car, ovvju u minghajr ombra ta' dubju, li huma l-persuni li jakkwistaw drittijiet u ghandhom obbligazzjonijiet u li l-ismijiet u l-kunjomijiet iservu biex il-persuni jigu identifikati u distinti minn persuna ohra."

L-istess principju gie enuncjat u applikat fis-sentenza ta' dina l-Qorti, ukoll diversament komposta, tas-sittax (16) ta' Settembru, 1994 fil-kawza fl-ismijiet *Charles Gatt Baldacchino vs Giuseppe Arcidiacono et*;

Minn dak illi inghad sa issa huwa evidenti illi, la darba "il-konkluzjoni hija li l-kawza saret sew kontra l-eccipjent", il-korrezzjoni ordnata mill-ewwel Qorti waqt l-udjenza tad-disgha (9) ta' Novembru, 2000 ma kienitx mehtiega u, konsegwentement, mhix valida s-sottomissjoni ta' l-appellant illi, ghall-fini tal-preskrizzjoni, ghandu jigi konsidrat illi l-kawza giet intavolata meta saret l-imsemmija korrezzjoni;

Ghalhekk, it-tieni (2) aggravju ta' l-appellant mhux fondat u qed jigi respint;

Ikkunsidrat:

Illi, la darba, kif ghadu kemm inghad, "il-konkluzjoni hija li l-kawza saret sew kontra l-eccipjent" u, ghalhekk, ma kienx hemm il-htiega illi ssir il-korrezzjoni ordnata mill-ewwel Qorti waqt l-udjenza tad-9 ta' Novembru, 2000, anqas hemm il-htiega illi jigi konsidrat l-ewwel (1) aggravju ta' l-appellant;

Ikkunsidrat:

Illi dina l-Qorti kif komposta kellha l-opportunità illi tikkonsidra - u tirrespingi - aggravju prattikament identiku ghat-tielet aggravju ta' l-appellant odjern fis-sentenza taghha ta' l-ghaxra (10) ta' Ottubru, 2003 fil-kawza fl-ismijiet *Maltacom p.l.c. vs Fenech Oil & Petroleum Company Limited*. Fil-kaz odjern l-appellant ma rnexxilux jikkonvinci lil dina l-Qorti illi ghandha tvarja l-opinjoni taghha kif espressa fl-ahhar imsemmija sentenza. Ghaldaqstant, it-tielet (3) aggravju ta' l-appellant qed jigi respint;

Ikkunsidrat:

Illi r-raba' (4) aggravju ta' l-appellant jammonta ghal sottomissjoni illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti meta kkunsidrat - u irrespingiet - l-ahhar eccezzjoni tal-konvenut, dik illi "… l-eccipjent m'ghandux ihallas l-ammont riklamat peress li l-post kien imwaqqa' u t-*telephone* kien *fuori* uzo";

Dina l-Qorti, wara illi ezaminat il-provi prodotti, taqbel ma' l-apprezzament taghhom maghmul mill-ewwel Qorti meta kienet qed tikkonsidra l-ahhar eccezzjoni tal-konvenut u m'ghandha xejn x'izzid fir-rigward ma' dak illi qalet l-ewwel Qorti. Dina l-Qorti, però, ma tistax ma tikkummentax dwar is-segwenti silta mill-penultimu paragrafu tar-rikors ta' appell tal-konvenut appellant:
"… l-appellant … jippreciza li ma hemm l-ebda ittra datat[a] 4 ta' Lulju 1986. Hemm ittra datata 14 ta' Lulju 1986 imma din ma hijiex talba ghat-tqeghdi [*recte*: tqeghid] ta' linja fil-fond."

M'hemmx dubbju illi fis-silta appena citata mir-rikors ta' appell l-appellant kien qed jirreferi ghas-segwenti bran mis-sentenza appellata:
"… kienet tassew haga stramba li fl-4 ta' Lulju 1986, meta l-fond kien gà beda jitwaqqa' u l-konvenut kien jaf li kien sejjer ikompli jitwaqqa', il-konvenut xorta ghamel talba [fil-*footnote* relattiva ghall-kelma 'talba' ssir riferenza a fol. 5

tal-process] ghat-tqeghid tal-linja f'dak il-fond" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Minn dan il-bran tas-sentenza appellata jemergi bl-aktar mod lampanti illi l-appellant ma kien preciz xejn meta kien qed "jippreciza". Infatti, l-ewwel Qorti ma semmiet ebda ittra datata 4 ta' Lulju, 1986. L-ewwel Qorti irreferiet ghal "talba" maghmula mill-konvenut permezz tad-dokument a fol. 5 tal-process. Dan id-dokument huwa datat 4 ta' Lulju, 1986 u, kif ikkonstatat l-ewwel Qorti aktar qabel fis-sentenza appellata, il-konvenut ammetta quddiemha illi dan id-dokument - illi permezz tieghu saret it-talba ghall-installazzjoni tal-linja tat-*telephone* in kwistjoni - huwa iffirmat minnu;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------